**20 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Joseph Debattista

*versus*

Domenico Sammut et.

**Lokazzjoni — Nullità — Frode — Azzjoni paoliana jew revokatorja — Art. 1187, Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni paoliana jew revokatorja hija mogħtija lill-kredituri f'isimhom sabiex jattakkaw l-attijiet magħmulin b'qerq mid-debitur tagħhom bi ħsara tad-drittijiet tagħhom.*

*Jekk ma jeżistix kreditur ma teżistix l-azzjoni revokatorja, il-kredituri biss jistgħu jeżerċitaw l-azzjoni revokatorja.*

*Għal dak li jirrigwarda l-azzjoni revokatorja l-kliem "kreditur" u "debitur" huma użati fis-sens ta' wieħed li għandu l-jedd u l-ieħor illi huwa miżmum għal ħwejjeġ oħra; bil-kelma "ħlas" il-liġi tifhem illi tiġi sodisfatta kwalunkwe obbligazzjoni li biha wieħed jista' jiġi marbut.*

*Sabiex ikun hemm kreditur irid ikun hemm kreditu, u għall-eżerċizzju ta' suċċess ta' l-azzjoni revokatorja jeħtieġ illi dan il-kreditu jkun anterjuri għall-att illi jrid jiġi mpunjat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attur ikupra mill-poter tal-konvenut Sammut u ġie lilu rivendut minn l-istess rettrattarju fl-atti tan-Nutar Joseph Raymond Grech tat-8 ta' Novembru, 1958 is-sub-utili dominju temporanju għal sbatax-il sena, li bdew fis-26 ta' Novembru, 1957, tal-fond Numru 84, Ponsonby Street, Gżira, bħala suġġett għal sittax-il lira (£16) rata ta' tnejn u tletin lira (£32) fis-sena gravanti fuq dana l-fond u fuq fondi oħrajn li l-imsemmi Sammut kien akkwista b'titolu subenfitewsi mingħand il-konvenut Peresso, b'att tan-Nutar Antonio Carbonaro tas-6 ta' Novembru, 1957 — liema fond kien jinsab mikri lill-konvenuta Bartolo u, peress li l-konvenut Sammut kien jaf minn żmien qabel, għax kien avża l-attur, li kien bi ħsiebu jirkupra, tant illi dana Sammut irrilaxxja fond spontanjament, bl-imsemmi kuntratt, lill-attur (Dok. A), u peress illi fil-31 ta' Ottubru, 1958, ċioè tmient ijiem qabel ir-rivendizzjoni, u meta l-attur kien ġa esprima d-deċiżjoni tiegħu illi jirkupra l-fond saret skrittura, li biha l-konvenuta Bartolo irrinunzjat għad-drittijiet tagħha lokatizju fuq l-imsemmi fond, u l-konvenut Sammut krih lill-konvenut Peresso, għal erba' snin di fermo u erba' snin oħra di rispetto, bil-kera ta' tlettax-il lira (£13) fis-sena, jiġifieri tliet liri (£3) fis-sena anqas milli Peresso kellu jirċevi bħala sub-ċens (Dok. B); u peress illi l-imsemmija Bartolo baqgħet tokkupa l-istess fond u għadha tokkupah sallum, nonostanti dik ir-rinunzja, u peress li dana kollu sar in frode għad-drittijiet tal-attur u għalhekk hija nulla u bla effett għall-finijiet kollha tal-liġi, salva kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-attur kontra l-konvenuti skond il-liġi, bl-ispejjeż.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Domenico Sammut li biha qal li l-lokazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni hija

valida fil-liġi; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peresso li biha qal li d-domanda attriċi hija infondata peress li mhux veru illi l-lokazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni saret in frode għad-drittijiet tal-attur u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Stella Bartolo li biha qalet li d-domanda attriċi hija ma għamlet xejn in frode tad-dritt tal-attur, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis.*

Ikkunsidrat;

Li l-azzjoni tal-attur hija prinċipalment diretta biex tiġi dikjarata nulla u bla ebda effett għall-finijiet kollha tal-liġi l-iskrittura tal-31 ta' Ottubru, 1958 (indikata erroneament bid-data 1959) li biha l-konvenut Domenica Sammut iddikjara li ta b'kera l-post nru 84, Ponsonby Street, Gzira lill-konvenut Michele Peresso, għal erba' snin di fermo u erba' snin di rispetto bil-kera ta' £13 fis-sena, jitħallas bis-sitt xhur bil-quddiem u li dan il-ftehim kien qiegħed isir bil-kunsens tal-konvenuta Stella Bartolo, li rrinunzjat għal dana l-inkwilinat.

Li l-attur jippretendi li meta saret dina l-lokazzjoni l-konvenut Sammut kien jaf minn żmien qabel, għax kien avżat, li kien bi ħsiebu jirkupra l-fond lokat, tant, kif jallega l-istess attur, il-konvenut irrilaxxja spontanjament il-fond b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Raymond Grech tat-8 ta' Novembru,

1958, liema fond l-istess Sammut kien ħadu b'titolu ta' subenfitewsi temporanja għal sbatax-il sena, mingħand Michele Peresso b'kuntratt riċevut minn Nutar Antonio Carbonaro fis-6 ta' Novembru, 1957.

Li, għalhekk, il-frode fl-operat tal-konvenuti l-attur irid jiddesumiha

1) Mill-fatt li huwa kien ġa avża lill-konvenuta Bartolo li kien sejjer jirkupra l-fond li kien jakkwista b'enfitewsi temporanea mingħand Peresso;

2) Mill-fatt li tmint ijiem qabel ir-rivendizzjoni li l-konvenut għamel lill-attur, huwa kera l-istess fond lil Peresso;

3) U mill-fatt li l-konvenuti Bartolo irrinunzjat għall-lokazzjoni favur Peresso.

Ikkunsidrat:

Li qabel xejn għandha tiġi determinata n-natura tal-azzjoni eżerċitata mill-attur.

Li, għal kemm l-attur ma qalux f'ebda parti tal-atti proċesswali, però dina l-Qorti hija tal-fehma li l-attur irid jeserċità l-azzjoni paoliana, għaliex altrimenti, ma tistax tifhem kif l-attur irid jasal għar-revoka tal-okkażjoni mpunjata, fuq il-motiv tal-frodi li huwa qiegħed jaddebita lill-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Li dina l-azzjoni, hekk magħrufa wkoll bħala revokatorja, hija mogħtija lill-kredituri, f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet magħmulin b'qerq mid-debituri tagħhom (art. 1187 (1) Kod. Ċiv.). Għalhekk l-elementi essenzjali għall-eżistenza ta' dina

l-azzjoni huma: l-kreditu, il-frodi tad-debitur, u anki tat-terz akwirent b'titolu onerus, u l-ħsara jew id-dannu tal-kreditur.

Ikkunsidrat:

Li dwar l-ewwel element ta' dina l-azzjoni, għandu jingħad, li jekk ma jeżistix kreditur ma teżistix l-azzjoni (Kollez. XII, 489; IX, 486; XXVII, ii, 559); u li l-kredituri biss, a tenur tal-liġi, jistgħu jeżerċitawha; u kif josserva Baldi (Vol. I, 404, para. 5): "per essere creditori bisogna avere un credito; e questo deve essere anteriore all'atto impegnato" (v. Giorgi, Obbligaz. Vol. II para. 263). Hawn huwa tajjeb li jiġi preċiżat li l-kliem "kreditur" u "debitur" mhumiex użati fis-sens ta' wieħed li għandu jieħu u l-ieħor li għandu jagħti flus biss, iżda fis-sens ta' wieħed li għandu l-jedd u l-ieħor li huwa miżmum għall-ħwejjeġ oħra. F'dana s-sens huma użati dawn il-kliem fil-kap tal-"Effetti tal-Obbligazzjonijiet" (art. 1168-1187 Kod. Ċiv.) li l-aħħar artikolu tiegħu huwa appuntu dak 1187 taħt eżami. Hekk ukoll hu ħlas il-liġi ma tifhimx biss tagħti flus, iżda tissodisfa kwalunkwe obbligazzjoni li biha wieħed jista' jkun marbut: "Ħlas ifisser l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni sew jekk l-oġġett tal-obbligazzoni jkun li tingħata xi ħaġa, sew jekk ikun li tiġi magħmul xi ħaġa".

Kien għalhekk li l-Qrati Taljana applikaw id-dispożizzjoni tal-art. 1235 tal-Kodiċi tagħhom, li barra minn xi diverġenzi li *ma għandhomx x'jaqsmu ma dana l-każ jaqbel ma tagħna* sew fid-diċitura kif ukoll fil-post fejn ġie kollokat, iġifieri l-aħħar wieħed taħt il-kap tal-Effetti tal-obbligazzjonijiet u iddeċidew li: "la parola creditore deve interpretarsi non già nel senso ristretto di persona che abbia un credito pecuniario accertato, sebbene per designare in genere chiunque abbia un azione a fare valare in giudizio per reclamare l'adempimento della obbligazione" (Cassaz. Fierenza, 9 Marzo 1891; Mon.

Trib. 541) "e quindi in tali condizioni però esperire l'azione paoliana chiunque si trovi pregiudicato dagli attori fatto con atti posti in essere dal debitore". (Cassaz. Torino, 10 Luglio 1891. Mon Trib. 1892, 15 Baldi Vol. I, pag. 403). Dawna l-prinċipji ġew ribaditi mill-Qrati Tagħna fis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru 1934 fil-kawża "Carmelo Mifsud vs Luigi Cini et (Kollez. XXIX, i, 28). Għalhekk ma jifformawx element ta' dina l-azzjoni "Una mera pretensione di un credito", u anqas jistgħu jkunu atturi f'kawża simili "semplici persone aventi diretti" (Kollez. XXVIII, iii, 1121). Li huwa veru li l-fondament tal-azzjoni paoliana huwa att konservativ tal-kreditu ta' min jaġixxi tendenti għall-annullament ta' drittijiet li terz akkwista mill-kuntratt tiegħu. Issa, josserva Laurent: "può il creditore domandare che i diritti dei terzi siano annullati (è incerto se egli è creditore"? (Principi di Dto. Civ. Vol. XVI, 459). Taħt dawna ċ-ċirkustanzi l-istess awtur jikkonkludi "noi con comprendiamo che il creditore posa agire" (ibid), għaliex "l-interesse di proteggere il proprio diritto deve essere attuale, e non problematico (Digesto Italiano, "Azione", no 7 pag. 767).

Ikkunsidrat:

Li, ex admissis, irriżulta anki mid-depożizzjoni tal-attur li l-okkażjoni impunjata saret ġimgħa qabel ma eżerċita l-irkupru, u għalhekk, f'dak iż-żmien, il-konvenut Sammut, li kien għadu l-enfitewta "de jure" tal-fond, ctà liberament jiddisponi kif għamel minnu, mingħajr ma jkun kostrett jindaga l-intenzjoni tal-eventwali retraent, u mingħajr ma jitlob permess lil ħadd in basi għall-adgiu: "Qui suo jure utitur non videtur damnum facere". Infatti sakemm ma saret ir-rivendizzjoni bil-kuntratt fuq riferit id-dritt tal-attur fuq il-fond lokat kien għadu ipotetiku, u anki, wara l-eżerċizzju tar-retratt seta' baqa' problematiku, għaliex seta' inqala' xi ħaddieħor u jelimina lill-attur mill-pussess tal-fond minnu irkuprat bis-

saħħa *ta' dritt pożjuri fuq* l-istess fond.

Li inoltri, barra milli d-dritt tal-attur li huwa jallega li ried jikkonserva b'dina l-azzjoni *ma kienx attwali; anqas ma* jista' jingħad li l-fatt tar-retratt jinġenera fir-ritraent dritt ta' kreditu kontra r-retratarju, iżda jintitolah biss għal proprjetà *tal-fond, li dina għaddiet regolarment f'idejh, bħala utili do*minju, fil-mument li ġie eżerċitat ir-retratt lill-konsegwenti rivendizzjoni. L-attur għalhekk, ma seta' jsofri ebda dannu, in vista tal-lokazzjoni preċedentement stipulata bejn il-konvenut Sammut u l-konvenut Peresso, għaliex dina f'ebda mod ma intakkat l-integrità tad-drittijiet li l-enfitewta retrattarju it-trasferixxa lir-retraent bis-saħħa tal-irkupru minnu eżerċitat fuq il-fond rilaxxjat.

Li, għalhekk, dina l-azzjoni ma tikkompletix lill-attur għaliex jonqos wieħed mill-elementi essenzjali biex tista' tiġi istitwita fil-konfront tal-*konvenuti, li mhumiex* debituri tal-attur, fis-sens li ebda wieħed minnhom ma kienx obbligat akond il-liġi lejn l-attur fil-mument li saret il-lokazzjoni.

Ikkunsidrat:

*Li*, dina *l-Qorti* anqas ma *hija proklini li taderixxi għall*-pretensjoni tal-attur, li qiegħed isostni li l-lokazzjoni tal-fond saret in frodi tad-drittijiet tiegħu. Qabel xejn għandu jiġi relevat li f'materja ta' frode, ma jeżisti ebda test tal-liġi li jistabilixxi presunzjoni ta' frodi, u l-prova tagħha "incumbit illi qui agit" li tista' ssir anki permezz ta' presunzjonijiet, u trid tkun fondata fuq fatti granifi preċiżi u konkordanti (Coen "Simulazione" No 236; Kollez. XXIV, i, 665). Ebda wieħed minn dawna *r-rekwisiti ma ġie riskontrat* mill-Qorti a karika tal-pretisa frodi makkinata mill-konvenuti fl-iskrittura tal-lokazzjoni fuq riferita, biex jiġu elusi d-drittijiet tal-attur. Infatti, anki kieku l-fond baqa' *lokat lill-konvenut Bartolo*, bir-retrat

eżerċitat mill-attur, dina kienet tibqa' l-inkwilina ugwalment tal-post; u għalhekk il-fatt li l-inkwilinat għadda f'idejn Peresso u ma baqax tal-konvenuta Bartolo, ma jistax jingħad li dana l-aġir sar b'dak il-"consilium frandis" li huwa ġeneralment il-movent imqiegħed a bażi ta' min irid jeżerċità azzjoni simili. Infatti huwa risaput li mhux kwalunkwe skaltrezza pratikata għad-dannu ta' ħaddieħor taqa' taħt is-sanzjoni talliġi, u dana jingħad fuq l-iskorta tal-insenjament tad-Dritt Roman li stabilixxa l-prinċipju: "Non nisi ex magna et evidente calliditate non deliet de dolo actio dare" (Lea. 7 para. 10 Dig. De Dolo; u sentenza P.A. 15 ta' April, 1964 in re "Giov. Battista Farrugia vs Salvino Muscat Zahra"). Il-lokazzjoni kontrattata bejn il-konvenut Sammut u Peresso saret bliskop uniku li Peresso isalva l-inkwilinat tal-istess fond, iħalli fih lil Bartolo u dina tħallih jistorja xi merkanzija, kif fil-fatt ġara. Għalhekk anki taħt dana l-aspett il-konvenuti ma jistgħux ikunu ritenuti ħatja ta' dak id-dolo, "richiesto a viziare di nullità b'obbligazione" (Fadda art. 1115 para. 42). Il-frodi allegata mill-attur ma tidhirx pruvata, anzi jekk wieħed irid jidħol f'dettalji li jservu biss għas-soluzzjoni morali tal-każ, għandu jirritjeni li bl-att tal-konvenju tal-1 ta' Ottubru, 1958 (fol: 50) suċċessivament kanċellat jidher li l-istess attur ippresta ruħu għal manuvra xejn affatto pulita meta iddikjara inveridikament li huwa kien ġa ħallas lill-konvenut Sammut il-prezz ta' mitejn lira. Dana biex ma jingħadx ukoll b'liema mezzi vjolenzi l-attur ġiegħel lill-konvenut Sammut jagħmel l-imsemmija dikjarazzjoni dwar il-£200 (fol. 76).

Ikkunsidrat:

Li anki kieku wieħed irid, per ipotesi, jirravvisa xi barlumi ta' dritt fl-azzjoni intentata mill-attur, dina tikkrolla inesorabilment fl-assenza tal-element tal-ħsara li seta' sofra l-attur, bil-lokazzjoni in kwistjoni. Infatti l-attur jallega li l-fond riedu għal bintu; u kwindi bil-lokazzjoni tiegħu operata mill-

konvenut Sammut lil Peresso, l-attur ma setax aktar jieħu l-fond għaliex daħal fih inkwilin ieħor u għalhekk bir-risoluzzjoni tat-titolu tal-enfitewsi dovuta għar-retratt, l-attur ma setax jieħu f'idejh il-pussess tal-fond li ġie lokat bit-terza persuna qabel ir-rilaxx.

Li l-attur ma għamel ebda enfasi fuq dina ċ-ċirkustanza li l-fond riedu għal bintu, u f'kwalunkwe każ, anqas ma ġieb ebda prova li huwa bl-aġir tal-konvenut Sammut sofra xi danni reali liema danni huma inkonċepibbli mingħajr kreditu, għalhekk anki taħt dana l-aspett l-azzjoni tal-attur hija nsostenibbli għaliex jiddifettaw l-elementi kollha rikjesti mill-liġi u mill-Ġurisprudenza għall-eserċizzju validu tagħha.

Ikkunsidrat:

Li għalkemm fil-fatt il-konvenuta Bartolo tidher li irrinunzjat għall-lokazzjoni favur Peresso, hija baqgħet tokkupa l-fond a titolu prekarju, għaliex l-istess Peresso, stanti l-età inoltrata u l-istat fiżiku tagħha, żammha fil-fond, li qiegħed jiġi wkoll adebit biex jistorja fih xi stationery u aċċessorji oħra tal-istamperija.

Li, għandu jiġi rilevat, li l-istess Bartolo ma iffirmatx l-imsemmija skrittura, u anqas ma kienet taf biha (fol: 38); u l-firmatarju tagħha huwa ċertu Alfred Bartolo, li l-attriċi ddikjarat li kien mejjet, u għalhekk anqas ma setgħet awtorizzatu jiffirma għaliha. Id-deposizzjoni in kontrarju tal-konvenut Sammut baqgħet mingħajr effett, għaliex għalkemm dana iddikjara li Alfred Bartolo kien ħaj u ipprometta li jipproduċih bħala xhud (fol: 41-42), u għalkemm għaddew aktar minn erba' snin, dina l-prova ma saritx.

Li, inoltri, l-istess Alfred Bartolo jidher li ffirma l-imsemmija skrittura mhux bħala parti, iżda "bħala xhud tal-ftehim".

Li, għalhekk, bl-imsemmija skrittura ma jistax jingħad li l-konvenuta Stella Bartolo irrununzjat għall-lokazzjoni tal-fond "de quo" favur il-konvenut Peresso. Dana qiegħed jingħad għall-korrettezza u biex il-konvenuta Bartolo, jekk kien il-każ, tiġi esonerata minn kwalunkwe implikazzjoni li setgħet inħolqot kontra tagħha permezz ta' dik ir-rinunzja. M'għandux, imbagħad, jintesa li l-azzjoni tal-attur, u l-frode minnu allegata, huma fondati fuq dina l-pretisa rinunzja tal-lokazzjoni da parti tal-konvenuta Bartolo, permezz tal-iskrittura riferita u għalhekk dina qatt ma seta' kellha l-intenzjoni li tiddanneġġja lill-attur u anqas ma ipparteċipat f'dana l-intent (Kollez. XXVIII, iii, 1084).

Ikkunsidrat:

Li, għalhekk it-tliet motivi miġjuba mill-attur u ġustifikazzjoni tat-talba tiegħu, ma jistgħux jiġu milqugħa.

Għal dawna l-motivi.

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.